MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 8/2010

**Public Broadcasting Services Ltd**

**Vs**

**Joseph Cutajar**

Il-Qorti,

Permezz ta’ rikors prezentat fid-29 ta’ Lulju 2010 is-socjeta attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta’ hamest elef u hmistax il-ewro (€5,015) prezz ta’ servizzi ta’ reklamar li nghataw fuq il-mezzi tax-xandir.

Mill-atti jirrizulta li s-servizz inghata b’riferenza ghal Gozo Music Festival li jorganizza l-konvenut. Jirrizulta li s-servizz inghata matul Dicembru 2008, Lulju 2009 u Awwissu 2009.

Fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2010 d-difensur tal-konvenut ikkonferma li l-ammont mitlub hu dovut izda kienu qeghdin isiru trattativi sabiex jintlahaq ftehim dwar modalita ta’ hlas. Dakinhar gie verbalizzat: ***“Il-konvenut qieghed jammetti t-talba in kwantu jolqot il-meritu u jirrizerva l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-imghax.”*** (fol. 15).

Fis-seduta tal-lum hadd mill-partijiet ma deher u skond il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Settembru 2010 il-qorti ghamlitha cara li jekk ikun ghadu ma sehhx ftehim tisma’ s-sottomissjonijiet dwar l-imghax u taghti sentenza.

M’hemmx dubju li l-imghax hu dovut jekk ma jsirx meta l-hlas ikun dovut. Mid-dokumenti jidher li f’dan il-kaz il-konvenut kellu credit terms li l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin gurnata mid-data tal-invoice.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici ghas-somma ta’ hamest elef u hmistax il-ewro (€5,015) skond il-credit terms li jissemmew fl-invoices esebiti fil-process a fol. 7-12).

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------